KUNSILL LOKALI | LOCAL COUNCIL

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

`

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 78/2017

**18 ta' Jannar, 2018**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Roderick Mamo – Kunsillier
Antonia Perini - Kunsilliera
James Cauchi - Kunsillier
Noyah Spiteri – Kunsilliera
Ivan Agius – Vici-Sindku

### SKUZATA:

Pablo Cachia Belli – Kunsillier

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

## Minuti

### 78.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

78.1.1 Is-Sindku qrat e-mail li kienet intbaghtet mill-Kunsillier Pablo Cachia Belli li permezz taghha l-istess Kunsillier talab li jigi skuzat milli jattendi ghas-seduta minhabba ragunijiet ta' studju.

78.1.2 Fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Ivan Agius ssekondat mill-Kunsilliera Antonia Perini u li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti, il-Kunsill Lokali ddecieda li jiggustifika l-assenza tas-Sur Pablo Cachia Belli.

### 78.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

78.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 77 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

78.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Ivan Agius ssekondata mis-Sa. Noyah Spiteri, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

78.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

78.2.4 Il-Minuti tal-laqgha generali annwali li kienet inzammet nhar l-14 ta' Dicembru 2017 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

78.2.5 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Roderick Mamo, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

78.2.6 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

### 78.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

78.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kellha mal-Prim Ministru nhar it-18 ta' Jannar 2018. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi matul l-istess laqgha kienu gew diskussi temi infrastrutturali u socjali fost l-ohrajn.

78.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kellha laqghat mal-kumitat organizzattiv tal-Karnival li matulha kienu gew diskussi dettalji ta' attivita' li kienet ser tkun qieghda tittella' fil-lokalita' nhar il-Hadd 4 ta' Fra4 2018

78.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jghaddi kopja tac-cwievet ta' kappella li kien hemm fiz-zona ta' San Gwann

t'Ghuxa, bil-ghan illi l-istess sit jintuza ghal esibizzjoni relatata mal-Gimgha l-Kbira.

78.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li kienet iddiskutiet mas-Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsilliera kienet ser tkun qieghda titlob lil Green MT sabiex jitnehhew *bring-in-sites* li kien hemm fi Triq Alessandra.

78.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li kienet giet avvicinata mill-Kunsilliera Antonia Perini, kienet ser tkun qieghda tiddiskuti mas-Sa. Rita Baldacchino l-possibilita' illi l-Kunsill Lokali jtella' korsijiet ta' ganutell u parcmina fost ohrajn.

78.3.6 Is-Sindku infurmat mal-Kunsill Lokali illi kienet qieghda tiehu hsieb illi jsiru l-kordinamenti mehtiega sabiex il-Kunsill Lokali jkun jista' jerga' jibda' johrog pubblikazzjoni (*magazine*). Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi fir-rigward, kienet ser tkun qieghda tinhareg publikazzjoni aktar semplici minn dik li kienet tohrog kull xaharejn.

78.3.7 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi organizzazzjoni sportiva kienet avvicinat lill-Kunsill Lokali bil-ghan illi tigi evalwata l-possibilita' illi Gnien il-Kottonera jigi uzat ghal attivitajiet sportivi. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jiddiskuti l-proposta f'aktar dettall.

78.3.8 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li kellha laqgha ma' individwu li kien qieghed jaghmel studju dwar sports, kienet irceviet proposta ghal sports placement mal-Kunsill Lokali ta' Bormla mill-istess student. Fir-rigward, kienet qieghda tigi evalwata l-possibilita' illi l-istess individwu jorganizza attivita' sportiva fil-lokalita'.

78.3.9 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li r-Regjun Xlokk kien alloka s-somma ta' €11 000 lill-Kunsill Lokali ta' Bormla sabiex isir xoghol ta' patching f'toroq fil-lokalita' kien gie mqabbad il-perit tal-Kunsill Lokali sabiex ihejji stima ghal patching fi Triq Alessandra, Triq il-Polverista u Triq ir-Regatta.

F'dan l-istadju dahal ghas-seduta il-Kunsillier James Cauchi ( 18:06)

## 78.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

78.4.1 Ma kienx hemm.

## 78.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet

78.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru01/18) ghall-approvazzjoni.

78.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri ssekondat mis-Sa. Antonia Perini, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

78.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' petty cash mahrug matul ix-xahar ta' Dicembru 2017 ghall-approvazzjoni.

78.5.4 Fuq proposta tas-Sur Ivan Agius ssekondat mis-Sa. Noyah Spiteri, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinstab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

## 78.6 Sejhiet ghall-Offerti

78.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien wara li l-bord mahtur mill-Kunsill Lokali kien ghamel l-evalwazzjonijiet tieghu, kienet saret rakkomandazzjoni li s-sejha ghall-offerti (sejha numru KLBO03/2017) tigi aggudikata lill-perit li kellu l-orhos offerta ( li kienet legalment konformi ma' dak li kien talab il-Kunsill Lokali). Fuq proposta tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Ivan Agius, il-Kunsill Lokali unanimament qabel li jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord ta' evalwazzjoni.

78.6.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu ma' Environmental Landscapes Consortium ghaz-zamma u manutenzjoni ta' sodt areas kien wasal biex jaghlaq it-tieni sena tieghu u ghaldaqstant kien jinhtieg li tittiehed decizjoni dwar il-possibilita' ta estensjoni ghat-tielet sena hekk kif kien legalment permessibbli. Fuq kusiderazzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondat mill-Kunsillier Roderick Mamo, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi l-kuntratt imsemmi kellu jigi estiz b'sena.

78.6.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu ma' NEXOS Street Lighting, liema kuntratt kien jikkoncerna street lighting kien wasal biex jaghlaq it-tielet sena tieghu u ghaldaqstant il-Kunsill Lokali kellu jiehu decizjoni dwar jekk l-istess kuntratt ghandux jigi estiz b'sena hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet. Fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Noyah Spiteri ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi l-kuntratt ma' NEXOS Street Lighting kellu jigi estiz b'sena.

78.6.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu ma' RACS ghall-gbir ta' skart goff kien wasal biex jaghlaq it-tielet sena tieghu minghajr il-possibilita' ta' estensjonijiet. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hadet hsieb tabbozza dokument ghal sejha ghall-offerti gdida. Wara li gew diskussi d-dettalji tad-dokument abbozzat, kien hemm decizjoni illi tinhareg is-sejha ghall-offerti skont il-kriterji tad-dokument abbozzat.

78.6.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma decizjonijiet li kienu ttiehdu aktar kmieni waqt l-istess seduta u f'seduti precedenti kien jinhtieg li jinhargu sejhiet ghall-offerti ghax-xiri ta' fanali ornamentali ( Triq Matty Grima, Triq San Lazzru, Triq il-Kuncizzjoni, Triq u Sqaq Santa Liena, Triq Marjano Gerada, Triq Dwardu, Triq San Mikiel, Triq Guliermu) u ghall-patching. Kien hemm kunsens illi l-amministrazzjoni kellha tabbozza d-dokumenti rispettivi sabiex jigu approvati fis-seduta segwenti

## 78.7 Estimi Finanzjarji 2018

78.7.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta' estimi finanzjarji ghas-sena 2018. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet ghid illi l-abbozz ma setax ikun dak finali kawza ta' diffikulta' teknika li l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet iltaqghet maghha. Fir-rigward filfatt kien hemm numru ta' write-offs li ma setghux isiru mill-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali ( permezz tas-software li kellu l-Kunsill Lokali) u l-istess Kunsill Lokali kien qieghed jistenna illi jsir ix-xoghol minn ICT Solutions li kienet il-kumpanija li tipprovdi s-*software*.

78.7.2 Is-Sindku ghaddiet sabiex tiddiskuti mal-Kunsilliera l-infiq u d-dhul ghas-sena 2018 flimkien ma' spejjez kapitali li kien qieghed jippjana l-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi l-abozz u l-previzjonijiet tad-dhul u infiq kienu rejalistici u l-Kunsill Lokali kellu jiddiskuti u japprova d-dokument hekk kif ikun iffinalizzat.

## 78.8 Performance Appraisal report ghas-Segretarju Ezekuttiv

77.8.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali *performace appraisal report* ghas-Segretarju Ezekuttiv Is. Sa-Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kienet iddiskutiet il-hidma tas-Sur Hall, kienet qieghda tirrakkomanda illi huwa jinghata l-massimu ta' 10% bhala *performance bonus*.
Fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Ivan Agius ssekondat mis-Sa. Alison Zerafa Civelli il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi s-Sur Hall jinghata 10% bhala *performance bonus*

## 78.9 Mozzjonijiet

78.9.1 Ma kienx hemm

## 78.10 Rapporti

78.10.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi permezz ta' e-mail datat 15 ta' Jannar 2018, il-Works Division fi hdan il-Ministeru ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali kien ghadda c-cwievet u r-responsabilita' ta' 11 il-*bollard* li kien hemm biswit il-klabb tar-regatta lill-Kunsill Lokali.
- Ma kellha tinsab ebda oggezzjoni ghat-talba li kien ircieva l-Kunsill Lokali sabiex spazji ta' parkegg li kien hemm fi Triq il-Karmnu jigu riservati ghall-mistednin fl-okkazjoni tal-ftuh ufficjali tal-Cugo Grand Macina.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi l-ammont ta' fondi disponibbli that l-iskema Urban Improvement Fund kien jammonta ghal **€**84301.09.
- Wara li evalwa korrispondenza b'ritratti li kien baghat resident fi Triq Wigi Rosato, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jiddiskuti ma' Transport Malta l-possibilita' illi parti mill-istess triq tigi maghluqa ghat-traffiku permezz ta' bollards.
- Il-Kunsill Lokai ddecieda li ma kelliex tigi milqugha talba tas-Sur Rune Bo Jakobsen ghal permess ta' cherry picker fi Triq San Mikiel. Il-Kunsill Lokali qabel illi s-Sur Jakonbsen kellu jigi infurmat b'decizjoni li kien ha l-Kunsill Lokali f'seduti precedenti.
- Kellha tigi diskussa f'aktar dettall proposta ta' Ozone Ltd. li kienet tikkoncerna *wi-fi spots* fil-lokalita'.

78.10.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li l-Kunsill Lokali kien approva x-xiri ta' software ghall-accounts kien irrizulta illi l-istess software kellu jigi installat f'kompjuter li jkun jahdem permezz ta' Windows 7,8 jew 10. Is-Sa. Zerafa ziedet tghid illi l-kompjuters li kellu l-Kunsill Lokali kienu jahdmu permezz ta' Windowx XP u meta l-amministrazzjoni ccekkjat ma' kompjuter teknixin, kien irrizluta illi l-istess kompjuters ma kienux jifilhu ghal upgrade tal-windows. Ghaldaqstant l-amministrazzjoni kienet hejjiet rapport bi stimi ghal xiri ta' kompjuter gdid.
Wara li l-Kunsill Lokali gei infurmat bl-istimi li kienu ngabru gei deciz illi kellu jinxtara l-kompjuter

**78.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

77.11.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fid-8:15p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 21 ta' Frar 2017 fis-5:30p.m.

Konfermati, illum 21 ta' Frar, 2018

| | |
|---|---|
| *IFFIRMATA* | *IFFIRMATA* |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |